PDF Compressor Pro



# Solennità ta' San Ġwann Bosco

**B'kitba u ritratti ta' Charles Spiteri**

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco, nhar il-Ħadd 27 ta' Jannar, filgħodu, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco fil-Belt Victoria, bis-sehem tal-*Chorus Urbanus*, taħt it-tmexxija ta' Mro. Dr. John Galea. Fl-omelija huwa tkellem dwar l-importanza tal-kura pastorali u spiritwali tal-adoloxxenti anki fis-soċjetà tagħna fuq l-eżempju ta' San Ġwann Bosco.

Saret parata ta' żwiemel u ponijiet minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza Santu Wistin, fejn wara l-quddiesa tal-Isqof, sar it-tberik tal-*pets* u annimali oħra fi Pjazza ta' Santu Wistin. It-tberik sar minn Mons. Ġorġ Tabone. Il-parteċipanti kollha ngħataw tifkira tal-okkażjoni.

Sadanittant sar ukoll riċeviment żgħir tal-Festa għall-mistiedna u l-membri tal-Oratorju. Waqt ir-riċeviment delegazzjoni mill-*Past Pupils* tal-Oratorju f'Għawdex ippreżentaw għotja ta' flus bħala għajnuna biex tkun tista' tiġi organizzata l-Festa ta' San Ġwann Bosco fl-Oratorju.

F'nofsinhar saret l-ikla tal-festa fil-Lukanda Calypso, Marsalforn.

Filgħaxija Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ mexxa quddiesa konċelebrata fil-kappella, bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri* taħt it-tmexxija tal-Kanonku Ġorġ Frendo.

Aktar tard filgħaxija saret il-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġwann Bosco, xogħol artistiku ta' Wistin Camilleri, mat-triqat ewlenin tal-Belt Victoria. Il-purċissjoni, li fiha ħadu sehem tfal, żgħażagħ u *Past Pupils* tal-Oratorju flimkien mat-tfal li jattendu l-iskejjel tas-sorijiet Sależjani, tmexxiet mill-Arċipriet tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Pawlu Cardona u kienet akkumpanjata mill-Banda *Cittadina La Stella*.

Mad-dħul tal-purċissjoni ngħatat il-Barka Sagramentali u sar il-bews tar-relikwa.

Il-Festa ta' San Ġwann Bosco ġiet fi tmiemha bil-Kunċert Annwali "*Don Bosco Grand Concert*" imtella' mill-*Gozo Youth Wind Band* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Grech fit-Teatru tal-istess Oratoirju Don Bosco.



*Waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali. Jidhru wħud mis-saċerdoti illi kkonċelebraw flimkien ma' Mons. Isqof Grech. Mix-xellug jidhru Dun Effie Masini (Direttur tal-Oratorju), Mons. George Tabone, Mons. Rosario Borg u Dun John Vella*



*Uħud minn dawk preżenti għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali*



*Uħud mill-membri tal-Chorus Urbanus waqt is-sehem tagħhom fil-Konċelebrazzjoni Pontifikali*



*Fir-ritratt jidher iċ-ċkejken Giorgio Anici Camilleri flimkien ma' ommu l-Avukatessa Simone Grech Camilleri waqt il-festa ta' San Ġwann Bosco filgħodu*



*Anthony Mizzi, President tal-Past-Pupils tal-Oratorju jidher qed jippreżenta għotja ta' flus lid-Direttur tal-Oratorju, Dun Effie Masini. Jidhru wkoll, mix-xellug Joseph Borg, Feliċ Grech u Emanuel Farrugia*



*It-tfajjel Giuseppe Borg ta' sentejn u nofs, minn Victoria, jidher jammira l-fenek synders u l-għasfur jack illi Christine Farrugia minn Fontana ressqet għat-tberik*



*Waqt it-tberik tal-pets. Tidher Anna Caruana flimkien ma' wliedha Christina u Mario*